MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Numru. 341/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin J.Farrugia]**

**vs**

**Emanuel sive Noel Bonello**
**Elise Grech**

**Kumpilazzjoni Numru: 34/2012**

**Illum, 30 ta’ Marzu, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Emanuel sive Noel Bonello**, ta’ 46 sena, imwieled Pieta’ nhar il-1 ta’ Marzu, 1966, bin George u Concetta nee’ Calleja u residenti 37, Triq ic-Citru, Attard u detentur ta’ l-karta ta’ l-identita bin-numru 122466 (M) u

**Elise Grech**, ta’ 29 sena, imwielda Pieta’, nhar id-19 ta’ Gunju, 1983, bint Joseph u Helen nee’ Zammit, residenti numru 94, Hasienda Court, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 318983 (M)

Akkuzati talli gewwa Triq l-Imsida, Santa Venera u f’bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer Maltijn nhar it-28 ta’ Marzu, 2012 ghal habta tal-23:38 hours;

Ghamlu hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor (vettura CBQ 693) liema hsara hi izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164. 69) ghad-dannu ta’ Josette Bonello li ghandha numru tal-karta ta’ l-identita bin-numru 471869(M) u terzi persuni ohra.

U aktar lil Emanuel sive Noel Bonello wahdu akkuzat talli sar recediv b’sentenza/i tal-Qorti liema sentenza/i saret/saru definittivi u ma tistax.jistghux tigi/jigu mibdula (Deciza 01.06.2011 mill-Magistrat Dr.A.Vella LL.D)

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Josette Bonello u torbot l-imputati b’dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, giet mitluba li meta taghti s-sentenza jew f’kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew il-hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghall hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta’ parti mill-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f’dak iz-zmien u f’dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 49, 50 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rta il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien biex jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali ta' kull wiehed/wahda minnhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Emanuel sive Noel Bonello** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati fid-degriet mghoti kontestwalment inkluz dik li jhallas lill-parte civile is-somma ta' €1,501.85 fi zmien sitt xhur. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Josette Bonello qed torbot lill-imputat Emanuel sive Noel Bonello b'obligazzjoni tieghu nnifisu ghal perjodu ta' sena taht penali ta' elfejn Euro (€2,000) li ma jdejjaqx u ma timmolestax lill-imsemmija Josette Bonello. U

Wara li rat l-artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata **Elise Grech** hatja

ta’l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena. In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Josette Bonello qed torbot lill-imsemmija Elise Grech b’obligazzjoni taghha nnifisha ghal perjodu ta’ sena taht penali ta’ elfejn Euro (€2,000) li ma jdejjaqx u ma timmolestax lill-imsemmija Josette Bonello.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti qed tordna notifika ta’ din is-sentenza lid-direttur ta’l-ufficju tal-probation

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------